*Dejn minn koppja ma' Bank li sussegwentement tissepara jibqa' in solidum*

*Anke jekk raġel jassumi d-dejn kollu u jakkwista sehem il-mara purke`*

*l-Bank ma jkunx parti mill-ftehim bejn il-koppja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta' JANNAR, 2021.**

**Rikors Nru. 75/20GM**

**HSBC Bank Malta plc C3177**

**vs**

**Julian Coppola (Karta tal-Identita` Numru 384867M) u Henrietta Coppola (Karta tal-Identita` Numru 482892M) u Dr Joseph Brincat u P.L. Marie Claire Bartolo nominati kuraturi deputati b'digriet tat-3 ta' Novembru 2020 sabiex jirrapresentaw lill-assenti minn dawn il-gżejjer Henrietta Coppola**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-bank attur, wara li ppremetta illi:

1. In forza ta' kuntratt tat-22 ta' Frar 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, il-Bank atturi kkonċeda faċilità bankarja lill-konvenuti Julian u

Henrietta konjuġi Coppola konsistenti f'self fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf u seba' mitt lira Maltija (Lm29,700) ekwivalenti għal disgħa u sittin elf, mija u tnejn u tmenin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€69,182.39) ) u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur datata 21 ta' Jannar 2005 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B).

2. Il-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess *sanction letter*kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv.

3. Fuq dan is-self il-konvenuti huma għalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma ta' disgħa u sebgħin elf u wieħed u tmenin ewro, uħamsa u sittin ċenteżmu (€79,081.65), dovuta in kwantu għal erbgħa u sittin elf, tmin mija u tmenin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€64,880.75) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilha, u r-rimanenti erbatax-il elf u mitejn ewro u disgħin ċenteżmu (€14,200.90) bħala imgħax ikkalkulat sat-13 ta' Jannar 2020 (Dok. C), oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-14 ta' Jannar 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

4. Il-konvenuti, għalkemm interpellati diversi drabi matul is-snin biex iħallsu l-ammont dovut minnhom, anki permezz ta' erba' ittri uffiċjali datati 1 ta' Diċembru 2011 (Dok. D), 1 ta' Frar 2013 (Dok. E),11 ta' Marzu 2014 (Dok. F) u 28 ta' Frar 2018 (Dok. G) baqgħu inadempjenti.

Talab lill-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti Julian u Henrietta konjuġi Coppola huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' disgħa u sebgħin elf u wieħed u tmenin ewro, u ħamsa u sittin ċenteżmu (€79,081.65) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-14 ta' Jannar 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' disgħa u sebgħin elf u wieħed u tmenin ewro, u ħamsa u sittin ċenteżmu (€79,081.65), bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mill-14 ta' Jannar 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 1 ta' Diċembru 2011, 1 ta' Frar 2013,11 ta' Marzu 2014 u 28 ta' Frar 2018, u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwaLment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti konjuġi Coppola.

Rat illi minkejja l-intimati huma debitament notifikati[1], baqgħu ma ppreżentaw ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilhom mil-liġi.

Rat in-Nota tat-30 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha HSBC Bank Malta plc irriduċa t-talba għall-ħlas tad-dejn kif mitlub fir-rikors promutur in vista ta' ħames pagamenti li l-intimati effetwaw fil-mori tal-kawża u hekk l-ammont dovut lil bank attur huwa ta' €65,172 in kwantu kapital u €7,466.99 in kwnatu imgħaxijiet dovuti sat-30 ta' Lulju 2020 b'riserva għal-imgħaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2020 sal-pagament effettiv[2].

Rat li fl-istess seduta l-Qorti tat, skont kif titlob il-liġi, terminu biex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Rat ir-rikors tat-2 ta' Settembru 2020 tal-Bank attur li permezz tiegħu spjega illi l-konvenuta Henriette Coppola marret tgħix barra minn Malta u għalhekk talbu l-ħatra ta' kuraturi deputati.[3]

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu laqgħet it-talba għall-ħatra ta' kuraturi kif mitlub.[4]

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kuraturi deputati li permezz tagħha eċċepew illi:

[1] Fol 36
[2] Fol 40
[3] Fol 50
[4] Fol 56

1. Huma qed jagħtu ruħhom b'notifikati bl-atti tal-kawża u qegħdin f'qagħda li jistgħu jirrispondu mill-aħjar li jistgħu għal din l-azzjoni.
2. Huma mhumiex edotti mill-fatti pero' jidher li l-bank attur irnexxielu jipprova kontra l-konvenut l-ieħor Julian Coppola fuq debitu illi filfatt kien tal-komunjoni tal-akkwisti u li kien kontrattat solidament bejn Julian Coppola u martu.

Għaldaqstant l-esponenti jirrimettu ruħhom għall-provi li jinġiebu fosthom għandu jkun hemm il-prova li d-debitu kien solidali u qabel ġiet dikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet Coppola.

Dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati:

1. Huma qed jagħtu ruħhom b'notifikati ħalli jwieġu.

2.Fl-istess waqt li jirrimettu ruħhom għall-provi jidher li d-debitu ġie kkontrattat waqt iż-żwieġ u l-konvenut Julian Coppola mhuwiex qiegħed effettivament jikkontestah.

3.Rigward is-solidarjeta' huwa mportanti li din tirriżulta li d-debitu kollu ġie kkontrattat qabel il-partijiet xoljew il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Fatti**

Il-Bank attur ta faċilita' bankarja lil konvenuti konjuġi Coppola f'ammont ta' Lm29,700 ekwivalenti għal €69,182.39 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat 22 ta' Frar 2005 waqt iż-żwieġ tagħhom. Billi l-konvenuti naqsu li jħallsu d-debitu, il-bank ressaq il-proċedura odjerna kontra l-konvenuti bħala debituri in solidum skont l-istess ftehim.

Ġie ppreżentat il-kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Lulju 2019 bejn il-konvenuti li jistipula ċar illi l-konvenuta Henrietta Coppola kienet se tmur tgħix

barra minn Malta u li huwa l-konvenut waħdu li se jħallas is-self li l-partijiet għandhom fuq il-post matrimonjali mal-Bank attur. Il-mara rrinunzjat għal sehemha mill-post u għaddietu lir-raġel.[5]

Dawn il-proċeduri ġew istitwiti mill-bank attur fl-24 ta’ Jannar 2020.

Waqt il-mori tal-kawża, ġew effettwati diversi pagamenti u għalhekk l-ammont dovut lill-bank attur huwa ta’ €65,172 in kwantu kapital u €7,466.99 in kwantu imgħaxijiet dovuti sat-30 ta’ Lulju 2020.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenuti ntrabtu għall-ħlas tas-self *in solidum* meta kienu miżżewġin u għalhekk ir-responsabilita’ tagħhom hi intiera għall-ħlas kollu tas-self fil-konfront tal-bank bid-dritt ta’ rivalsa bejn il-konvenuti skont il-ftehim bejniethom li l-bank ma hux parti għalih. Il-kuntratt ta' separazzjoni ma jorbotx lill-bank attur għax hu biss *inter partes*.[6]

Illi ma rriżultax li l-konvenut ġie ssurrogat fid-drittijiet kollha tal-istess bank attur HSBC Bank Malta plc minflok il-konvenuta l-oħra skont l-Artikli 1164 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-kawża billi:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti Julian u Henrietta Coppola huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta’ €65,172 kapital u €7,466.99

---

[5] Dok S1 a fol 71

[6] ara s-sentenza HSBC Malta p.l.c. v Paul Camenzuli Prim’Awla 09.05.2019 (Onor. Imħallef – illum S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetchuti)

imgħaxijiet dovuti sat-30 ta' Lulju 2020, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mill-31 ta' Lulju 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 1 ta' Diċembru 2011, 1 ta' Frar 2013,11 ta' Marzu 2014 u 28 ta' Frar 2018, u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża a karigu tal-kovenuti.

Moqrija.

ONOR IMHALLEF

GRAZIO MERCIECA